Madonna wkoll ta' sikwit kienet tmur il-ħanut ħdejhom u, bl-imgħażel f'idejha u l-imradd ħdejn riġlejha, kienet issabbarhom u tħennieħom. Ta' sikwit kienet terfa' għajnejha u tħares l-iktar lejn binha ċkejken b'saqajh ħafjin qalb iċ-ċana jew meta Ġesù kien joqgħod jifli bir-reqqa xi biċċa xogħol sabiħa li tkun għadha kif ħarġet minn idejn Ġużeppi l-mastrudaxxa.

Darba waħda Marija rat lil Ġesù fir-rokna tal-ħanut, waħdu, medhi fuq biċċa xogħol u jsammar fuq biċċa njama kollha għoqod u għakiesi. Il-Madonna bdiet titħasseb u resqet fuq ponot subgħajha lejn binha biex titkixxef u tara x'kien jagħmel Ġesù binha. Ġesù ma ntebahx biha u baqa' jaħdem u jsammar. Wara ftit rat lil Ġesù jaqbad dik il-għuda, iressaqha ħdejn xofftejh u jbusha, u, imbagħad b'għożża kbira, iressaqha u jrossha ma' sidru. Dik il-għuda kienet Salib.

---

## PASSIFLORA

*Ta' CHARLES COLEIRO*

Mhux ix-xagħar twil
u l-kuklu kuklu
u l-qliezet dojoq
u l-qomos ħomor nar
li qed inawru l-ideal
f'did-dinja ta' dnubiet.
Il-mostru
li jrid jaħfen bejn dirgħajh
il-vittma
ma jxiddx fuqu
il-libsa li timbuttah
u taqtgħu minn kulħadd
bħal Hyde
jistkennu taħt xi Jekyll
hawn eluf
bli smoker u biċ-ċoff
u bil-bastun
spalla ma' spalla bl-unuri ta' ġentlomi
mal-vittmi tagħhom
mexjin
sangisugi minfuħa
bir-rgħiba u l-ambizzjoni
bid-demm ta' l-inferjuri.

2/6/66.



# MINN BETLEHEM GHALL-KALVARJU

### LEĠĠENDA SAGRA

*Ta'* A. CREMONA

Riduzzjoni u Addattament għall-Palk

Minn "THE STORY OF THE OTHER WISE MAN"

*Ta'* HENRY VAN DYKE

Ippubblikat minn Harper & Row

(*Original Publisher*)

*PERSONAĠĠI*

ARTABAN, magu, Medjan fil-Belt ta' Ekbatana
ABGARUS, ,,
TIGRANES, ,,
RHODASPES, ,,
ABDUS, ,,
ORODES, ,,
LHUDI, Itturufnat fl-art ta' Babilonja
GASPRU, MELKJORRI, BALDASSRI — It-Tliet Slaten Maġi
Il-MARA ta' BETLEHEM
ĊENTURJUN Ruman
SULDATI, f'Betlehem
NISA ta' Ġerusalemm (3)
PARZJANI LHUD
Suldati f'Ġerusalemm
XBEJBA, Bint Medjan.

L-AZZJONI ssir fil-Belt ta' Ekbatana (Medja-Persja) fit-trufijiet ta' Babilonja, f'Borsippa, f'Betlehem u f'Ġerusalemm.

---